# Lilek O Malta Tagħna

## minn Wayne Farrugia

Min-nieqa jitrawwem
isawwar l-ilsien,
li tatu ommu,
l-omm li tatu isimha.

U fih l-ilwien jintisġu,
ibajdu demm sovran,
u jħannen b'vuċi waħda
għall-kbir ta' ġens kotran.

Daqshekk għaffiġtni taħtek
daqshekk għamiltni skjav,
ħakkiem bla ebda siwi,
tirrenja biss, int taf!

U issa f'qalbi ngħożżok,
ja perla tal-ħolqien
miskin min iżeblaħni
miskin min jidħaq bija!

Mad-dinja bik niftaħar
u 'l ismek jiena nħabbar
sal-ibħra mbiegħda nxerrdek,
ilsienek dlonk inkabbar!